28 ta' Ġunju, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Vincenzo Spiteri *versus* Antonio Hili

**Termini Ġudizzjali — Sospensjoni — Proroga — Proċedura.**

*It-termini ġudizzjali li ma jkunux perentorji jistgħu jiġu prorogati, purkè t-talba għall-proroga ssir qabel ma jiskadi t-terminu. Wara l-iskadenza tat-terminu, il-proċedura użwali biex wieħed jottjeni proroga hija dik per mezz ta' ċitazzjoni għar-reintegrazzjoni "in integrum" ta' dak li kontra tiegħu jkun skada t-terminu.*

*Fil-każ ġie mpost terminu b'sentenza lill-konvenut. Dan għamel talba biex jiġi ammess jappella quddiem il-Kunsill Privat tal-Maestà*

*Tiegħu r-Re. Dik it-talba ġiet miċħuda. In segwitu l-konvenut għamel rikors biex jottjeni proroga ta' dak it-terminu. Il-Qorti rriteniet illi dak it-terminu kellu jiġi meħud bħala sospiż fil-pendenza ta' dik il-proċedura, billi l-konvenut ma setax ikun jaf jekk it-talba tiegħu għall-ammissjoni għal dak l-appell kenitx sejra tiġi milqugħa jew le; u għalhekk il-proroga mitluba ġiet akkordata.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors tal-konvenut, fejn ippremetta illi, din il-Qorti kkonċedietlu żmien ta' 40 ġurnata biex, jekk jidhirlu, jimpunja l-kuntratt indikat fl-atti, per mezz ta' sentenza tat-30 ta' Ġunju 1947; u peress li kien hemm il-proċeduri biex jitlob permess ħalli jappella lill-Maestà Tiegħu fil-Kunsill Privat, u peress illi dik it-talba ġiet respinta per mezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' April 1948, għalhekk talab illi jiġi mogħti lilu terminu ġdid;

*Omissis:*

Tikkunsidra;

Illi skond il-liġi t-termini ġudizzjali li ma humiex perentorji jistgħu jiġu prorogati, purkè t-talba għall-proroga ssir qabel ma jiskadi dak it-terminu; u jekk ikun skada, għandu raġun l-intimat illi l-proċedura użwali hija dik per mezz ta' ċitazzjoni għar-reintegrazzjoni "in integrum" ta' dak illi kontra tiegħu skada ż-żmien;

Tikkunsidra;

Illi l-ispeċjalità ta' dana l-każ qiegħda fil-fatt illi l-konvenut talab lil din il-Qorti l-permess biex jappella quddiem il-Maestà Tiegħu fil-Kunsill Privat, u fost motivi oħra l-motiv prinċipali kien illi l-kwistjoni nvoluta kienet waħda ta' importanza kbira, ġenerali jew publika, illi fid-diskrezzjoni ta' dina l-Qorti jisthoqqilha tiġi eżaminata minn dak it-Tribunal Suprem ta' l-Imperu. Dan mhux il-każ ordinarju, addott anki subordinatament f'dik it-talba tal-konvenut, illi l-ammont huwa ta' £500 jew iżjed minn £500, għax f'dan l-aħħar każ l-eżami tal-Qorti jkun konstatazzjoni ta' fatt sempliċement, jekk ċjoè hemmx il-valur ta' £500 jew iżjed; u jekk il-Qorti tiddeċidi li ma hemmx, allura dik it-talba tkun mingħajr bażi, u dak it-terminu illi jkun impost fis-sentenza baqa' jiddekorri kontra tiegħu. Il-każ l-ieħor fuq imsemmi, li jiddepen-

di mid-diskrezzjoni ta' dina l-Qorti, huwa divers; għaliex il-konvenut, meta għamel it-talba, ma kienx jaf, u ma setax jkun jaf, jekk din il-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha tiddeċedix f'sens jew ieħor; u allura f'dan il-każ, meta saret dik it-talba, dak it-terminu għandu jkun kunsidrat, skond ir-raġuni u l-ekwità, li huwa sospiż sakemm din il-Qorti tiddikjara hemmx lok jew le li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tagħti l-permess ta' l-appell. Jekk dak it-terminu jkun kunsidrat li beda jiddekorri mit-12 ta' April 1948, kellu jagħlaq fil-21 ta' Mejju 1948, u qabel dik l-iskadenza sar ir-rikors preżenti;

Għalhekk taħt iċ-ċirkostanzi jista' t-terminu jiġi prorogat, peress illi kien għadu ma għalaqx, u ma hemmx bżonn li tiġi ordnata l-proċedura per mezz ta' ċitazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tipproroga dak iż-żmien għal ħamsin ġurnata oħra mill-21 ta' Mejju 1948. L-ispejjeż ta' l-inċident jitħallsu mir-rikorrent.